# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru : 21**

**Rikors numru 348/2020/1 JVC**

**Francesco Saverio Attard**

**v.**

**Noel Theuma**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-konvenut Noel Theuma minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Mejju, 2023, li biha laqgħet it-talbiet tal-attur Francesco Saverio Attard, billi filwaqt li sabet li l-konvenut Noel Theuma qiegħed jgħammar fil-fond bl-indirizz ta' 48, Ashapple, fi Triq iċ-Ċeżalpina, Birkirkara, mingħajr l-ebda titlu fil-liġi, ordnat sabiex dan joħroġ minn hemmhekk fi żmien xahrejn mill-jum li fih

is-sentenza tgħaddi f'ġudikat.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-26 ta' Mejju, 2020, l-attur Francesco Saverio Attard qal li huwa jikri l-fond bl-indirizz 48, Ashapple, fi Triq iċ-Ċeżalpina, Birkirkara, mingħand l-Awtorità tal-Artijiet.

3. Fisser li wara li l-konvenut Noel Theuma żżewweġ lil bintu Sandra, huwa kien ħallieh joqgħod flimkien magħha f'dak il-fond, b'dan illi huwa ma tah l-ebda jeddijiet fuqu.

4. Stqarr li llum-il ġurnata, bintu Sandra m'għadhiex tgħammar hemmhekk, għaliex iż-żwieġ ta' bejnha u bejn il-konvenut tfarrak, u ilmenta li minkejja dan, il-konvenut baqa' xorta waħda jgħix hemm, anke wara li interpellah sabiex joħroġ 'il barra, permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 2510/2019.

5. Issokta jgħid li huwa wkoll sar jaf li l-konvenut saħansitra qaleb l-arloġġi tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma għal fuq ismu, mingħajr il-kunsens tiegħu. Minħabba f'hekk huwa nieda din il-kawża, li biha talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-intimat qiegħed jokkupa l-fond bin-numru 48, Ashapple, Triq iċ-Ċeżalpina, Birkirkara mingħajr ebda titlu validu fil-liġi;*

*2. Tawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-pussess tal-fond 48, Ashapple, Triq iċ-Ċeżalpina, Birkirkara, u tordna lill-intimat sabiex jiżgombra mill-fond u jrodd il-pussess tal-fond lir-rikorrent, u dan fi żmien qasir u perentorju prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.*

*3. Tiddikjara lill-intimat responsabbli għall-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma tal-fond 48, Ashapple, Triq iċ-Ċeżalpina, Birkirkara, u tordna u tikkundanna lill-intimat iħallas il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma kollha sad-data li r-rikorrent jingħata lura l-pussess effettiv tal-fond.*

*4. Tawtorizza lir-rikorrent mingħajr il-ħtieġa tal-ebda intervent da parti tal-intervent (sic!) li jittrasferixxi l-meters tad-dawl u l-ilma tal-fond 48, Ashapple, Triq iċ-Ċeżalpina, Birkirkara fuq ismu b'effett mid-data li jerġa' jingħata l-pussess effettiv tal-istess fond;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-intimat inkluż tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Lulju 2019, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

*B'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti fil-liġi.»*

6. Bi tweġiba maħlufa mressqa fil-15 ta' Lulju, 2020, il-konvenut Noel Theuma, wieġeb għall-kawża billi qajjem dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Ir-rikorrent qabel xejn jeħtieġ iġib prova illi huwa kien preżenti f'Malta u personalment ħa l-ġurament fil-mument illi huwa ressaq ir-rikors ġuramentat, partikolarment meqjus illi l-intimat huwa informat illi r-rikorrent jgħix abitwalment barra minn xtutna u li fis-26 ta' Mejju 2020, fid-data tat-tressiq tal-kawża, il-konfini Maltin kienu għadhom magħluqa b'intervent leġislattiv permezz tal-Avviż Legali 92 tal-2020, u liġijiet oħra;*

*2. L-ewwel, it-tieni u r-raba' talba ma jistgħux jintlaqgħu - dan għaliex l-esponent intimat qiegħed jokkupa l-fond de quo bi tkomplija ta' ftehim li hemm bejnu u bejn ir-rikorrent, liema fond huwa misluf lilu biex jużah u jgħix fih mal-ulied, gratwitament u għal ħajtu kollha, b'dana għalhekk, huwa qiegħed jokkupah taħt titlu validu u rikonoxxut mil-liġi, u b'hekk ukoll, ma hemmx raġuni valida għall-iżgumbrament;*

*3. It-tieni talba tar-rikorrent hija inakkoljibbli għaliex ġaladarba ġie premess illi l-kontijiet jgħajtu lill-intimat esponent apparti l-fatt illi r-responsabbiltà tal-ħlas hija evidenti minn dan il-fatt nniffsu, hija biss is-socjetà ARMS Limited (u mhux ukoll ir-rikorrent) illi għandha l-interess ġuridiku titlob il-kundanna ta' kwalunkwe pendenza magħha;*

*4. Mill-bqija, it-talbiet rikorrenti huma infondanti fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur, inkluż tal-ittra ġudizzjarja numru 3245/18.»*

7. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Noel Theuma ġiet irtirata mill-avukat tiegħu waqt is-seduta li nżammet fil-15 ta' Lulju, 2020.

8. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2023, l-Ewwel Qorti qatgħet din il-kawża billi filwaqt li ċaħdet it-tielet talba tal-attur għar-raġunijiet li tqajmu mill-konvenut fit-tielet eċċezzjoni, laqgħet il-bqija tat-talbiet u fid-dawl ta' dan: (i) iddikjarat li l-konvenut Noel Theuma qiegħed jgħammar ġewwa l-fond inkwistjoni mingħajr ebda titlu siewi fil-liġi; (ii) ordnat lill-istess Noel Theuma sabiex jiżgombra mill-fond inkwistjoni fi żmien xahrejn mill-jum li fih is-sentenza tgħaddi f'ġudikat, kif ukoll ordnatlu jrodd lura l-pussess tal-fond lill-attur Francesco Saverio Attard; (iii) żammet lill-konvenut Noel Theuma responsabbli għall-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma tal-fond inkwistjoni, u kkundannatu sabiex iħallas dawk l-istess kontijiet sakemm il-pussess tal-fond jerġa' jgħaddi f'idejn l-attur Francesco Saverio Attard; u (iv) fl-aħħar nett, ikkundannat lill-konvenut Noel Theuma sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża

9. L-Ewwel Qorti wasslet għal din id-deċiżjoni fuq is-saħħa ta' bosta konsiderazzjonijiet, fosthom dawk li ġejjin:

> *«Allegat titlu tal-intimat:-*
>
> *Illi mill-provi mressqa fl-atti ma hemm l-ebda dubju li l-kirja tal-fond inkwistjoni ssejjaħ lir-rikorrent Francesco Saverio Attard u mhux lill-intimat (ara l-ftehim ta' kera esibit a fol. 29 et. seq. tal-proċess datata 8 ta' Jannar, 1976). Għalhekk jirrizulta li huwa r-rikorrent il-kerrej rikonoxxut tal-fond mill-Awtoritajiet konċernati, huwa għalhekk ir-*

*rikorrent li għandu titlu fuq l-istess fond u mhux l-intimat.*

*Illi da parti tiegħu l-intimat jeċċepixxi titlu ta' kommodat għaliex isostni li kien hemm ftehim bejnu u bejn ir-rikorrent li jgħix fil-fond inkwistjoni għal ħajtu kollha b'mod gratwitu.*

*Illi l-kuntratt tal-kommodat, jew kif ukoll magħruf self għall-użu, huwa regolat bl-Artikolu 1824 et. seq. tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta). L-Artikolu 1824 jiddefinixxi x'inhu l-kuntratt tal-kommodat u jaqra kif isegwi:*

> *«Il-kommodat jew self għall-użu hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna ħaġa lill-parti l-oħra, sabiex din tinqeda biha, bla ħlas, għal żmien jew għal użu determinat, bl-obbligu ta' dak li jirċeviha li jrodd il-ħaġa nfisha.»*

*Minn dan l-artikolu jirriżulta li l-kommodat huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna ħaġa lill-parti l-oħra sabiex din tinqeda biha <u>bla ħlas</u>, <u>għal żmien</u> jew <u>użu determinat</u>, bl-obbligu fuq dak li rċeviha li jrodd il-ħaġa nfisha.*

*...*

*Illi mill-atti jirriulta li r-rikorrent u bintu Sandra Theuma mart l-intimat, jaqblu bejniethom u jikkorroboraw lil xulxin dwar x'kien effettivament il-ftehim bejn ir-rikorrent, l-intimat u l-istess Sandra Theuma. Jirrizulta li dan il-ftehim kien li bint ir-rikorrent Sandra Theuma (għaliex ukoll inqabdet tqila u żżewġet ta' malajr) flimkien mal-intimat jidħlu jgħixu fir-residenza tar-rikorrent għal żmien qasir sakemm isibu post alternattiv fejn jgħixu. Fil-fatt fl-affidavit tagħha a fol. 54 Sandra Theuma tixhed:*

> *«8. Illi missieri kien qabel magħna iżda mill-ewwel qalilna li aħna stajna nibqgħu miegħu biss għal ftit taż-żmien sakemm insibu post iehor fejn immorru ngħixu;*
>
> *9. Illi aħna qatt ma ffirmajna l-ebda ftehim ma' missieri u konna qed ngħixu miegħu biss għax kellu pjaċir bina.»*

*Min-naħa l-oħra Noel Theuma jipprova jagħti x'jifhem li l-ftehim bejnu u r-rikorrent kien li hu jgħix fil-fond inkwistjoni għal ħajtu. Dan huwa miċħud mir-rikorrent u bintu. Il-Qorti nnotat li l-intimat fix-xhieda tiegħu fl-atti nqabad diversi drabi ma jixhidx il-verità pereżempju fejn huwa xehed li l-fond inkwistjoni r-rikorrent tahulu fi stat ġebel u saqaf meta ħareġ evidenti li dan ma kienx minnu għaliex il-fond kien ir-residenza tar-rikorrent għal diversi snin u fih għexu martu u trabbew uliedu għalhekk ċertament ma setax kien fi stat ġebel u saqaf meta għaddih lill-intimat. L-intimat xehed ukoll li kien ir-rikorrent li mar miegħu biex jaqleb is-servizzi tad-dawl u l-ilma meta dan huwa kontradett saħansitra minn martu. In vista tal-inkonsistenzi da parti tal-intimat il-Qorti tqis li l-verżjoni l-aktar veritiera fil-każ odjern hija dik tar-rikorrent u bintu. Fil-fatt jirriżulta li fiż-żmien li seħħ il-ftehim biex bint ir-rikorrent u l-intimat jidħlu jgħixu fil-*

*fond kien l-istess żmien li r-rikorrent kien jaħdem ġewwa l-Ingilterra allura kien jagħmel sens li jaċċetta li jagħmlu użu mill-fond sakemm huwa kien qiegħed xogħol barra minn Malta. Diffiċilment iżda din il-Qorti tista' temmen il-verżjoni tal-intimat li r-rikorrent qabad u aċċetta li jirrinunzja kompletament għall-kirja u d-dritt tiegħu li jgħixu fil-fond għal dejjem u jaċċetta li dan jgħaddi għand l-intimat u bintu għal dejjem, wisq inqas temmen li dan il-ftehim kellu jibqa' applikabbli anki fil-mument li bintu ma tibqax tgħix mal-intimat fl-istess fond.*

*Illi għaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti l-Qorti tqis li anki jekk għall-grazzja tal-argument verament kien hemm ftehim ta' kommodat bejn il-partijiet dan kien għal żmien definit u ċjoè kif deskritt mir-rikorrent u bintu «għal ftit taz-żmien sakemm insibu post ieħor fejn immorru ngħixu.» Ċertament issa li għaddew 27 sena minn meta seħħ dan il-ftehim żgur li dan jikkwalifika għal ferm oltre minn «ftit taż-żmien» u kwalunkwe ftehim bejn il-partijiet anki jekk meqjus bħala kommodat illum skada. Jirriżulta għalhekk lil din il-Qorti li l-intimat qed jirrisjedi fil-fond inkwistjoni mingħajr ebda titlu validu fil-liġi u l-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent.*

*Illi dwar l-iskuża li l-intimat iġib bl-ulied (neputijiet tar-rikorrent) li għadhom jgħixu fil-fond, il-Qorti tqis li dan mhux argument legali, se mai ir-rikorrent bħala l-kerrej rikonoxxut għandu l-jedd li fir-residenza tiegħu jżomm miegħu lil min irid u għalhekk kellu kull dritt li l-kawża odjerna jintavolaha biss fil-konfront tal-intimat Noel Theuma.»*

10. Il-konvenut Noel Theuma appella minn din is-sentenza b'rikors tat-30 ta' Ġunju, 2023, u hemmhekk huwa talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tbiddel is-sentenza appellata billi tiċħad l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur, u minflok tilqa' t-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet tiegħu, bl-ispejjeż kollha kontra l-attur appellat.

11. Bi tweġiba mressqa fit-3 ta' Ottubru, 2023, l-attur appellat Francesco Saverio Attard wieġeb għall-appell tal-konvenut Noel Theuma billi ressaq ir-raġunijiet tiegħu għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud. L-appellat talab ukoll lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż ta' din il-proċedura għal darbtejn għaliex qiegħed iqis li dan l-

appell tressaq fil-vojt u b'inkejja.

12. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Kif anke jixhdu t-talbiet finali tar-rikors, l-appell tal-konvenut Noel Theuma jdur kollu kemm hu madwar il-pretensjoni tiegħu li huwa jgawdi minn jedd ta' kommodat fuq il-fond mertu ta' din il-kawża.

14. Tul ir-rikors tal-appell, Noel Theuma qiegħed iressaq sensiela ta' argumenti sabiex ifisser għalfejn mill-ġabra sħiħa tal-provi, l-Ewwel Qorti kellu jirriżultalha li l-attur Francesco Saverio Attard, kien tabilħaqq silfu l-fond inkwistjoni b'titlu ta' kommodat, u dan bil-għan li jgħix fih tul ħajtu kollha, flimkien ma' wliedu — li jiġu wkoll in-neputijiet tal-istess attur appellat.

15. L-appellant jitlaq billi jirreferi għall-kuntest storiku u familjari li fih l-attur appellat kien għaddielu l-pussess tal-fond inkwistjoni, flimkien ma' martu Sandra Theuma, li tiġi bint l-attur. Ifisser li l-ftehim ta' bejn il-partijiet

tnissel f'kuntest familjari, li fih, martu Sandra nqabdet tqila bl-ewwel wild tagħhom. Jgħid li għalhekk, fil-verità, l-attur Francesco Saverio Attard kien silfu l-fond inkwistjoni bil-għan li huwa jrabbi familja flimkien ma' Sandra ġewwa dik id-dar, li kellha tkun id-dar unika u ewlenija tagħhom.

16. F'dan il-kuntest, l-appellant jikkritika l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li ma kienx jagħmel sens għal Francesco Saverio Attard li jaċċetta lil bintu u lir-raġel tagħha sabiex jibqgħu jgħammru ġewwa l-fond inkwistjoni anke meta huwa ma jibqax jaħdem ġewwa l-Ingilterra. Jirraġuna li l-fatt innfisu li Francesco Saverio Attard dam jaħdem l-Ingilterra mis-sena 1994 sas-sena 2020, jixhed kif l-attur appellat qatt ma kellu l-ħsieb, li hekk kif jirritorna lura lejn Malta, huwa kien sejjer jieħu lura l-pussess tal-fond inkwistjoni lil bintu, żewġha u saħansitra lin-neputijiet tiegħu.

17. Jirraġuna wkoll li dan it-tul ta' żmien, li matulu baqa' jgħammar fil-fond inkwistjoni, ixejjen il-verżjoni ta' martu Sandra, li missierha, jiġifieri l-attur Francesco Saverio Attard, kien tahom il-post b'self għal ftit taż-żmien biss sakemm idabbru rashom.

18. L-appellant jissokta billi jilmenta li l-Ewwel Qorti lanqas ma setgħet tqis li ma kienx verosimili li l-ftehim ta' bejnu u bejn l-attur kellu jibqa' jgħodd anke fil-mument li bint l-attur ma tibqax tgħix aktar miegħu f'dik id-

dar. Jisħaq li minn imkien mill-atti tal-kawża ma joħroġ li l-attur Francesco Saverio Attard qatt impona fuqu jew fuq martu, xi kundizzjoni fis-sens, li huma setgħu jibqgħu jgħixu fil-fond inkwistjoni, sakemm jibqgħu f'relazzjoni u jgħammru flimkien taħt l-istess saqaf.

19. Iżid li l-istess raġunament tal-Ewwel Qorti huwa anke ħażin għaliex f'Malta lanqas ma hawn xi liġi li tgħid li jekk miżżewweġ jabbanduna d-dar matrimonjali, mela allura l-parti l-oħra fi żwieġ titlef il-jeddijiet li jkollha fuq il-fond matrimonjali, u dan saħansitra qabel ma tintemm il-kawża ta' separazzjoni. Jagħti għalhekk x'jinftiehem li huwa għandu jedd li jibqa' jgħix fil-fond inkwistjoni, almenu sakemm tinqata' l-kawża ta' separazzjoni personali ta' bejnu u martu Sandra Theuma.

20. L-appellant jixħet imbagħad ħarstu lejn dawk il-konsiderazzjonijiet li bihom l-Ewwel Qorti fissret għalfejn huwa ma kienx xi xhud li hija setgħet tistrieħ wisq fuq kliemu. B'mod partikolari, jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi li huwa kien qiegħed jigdeb meta semma li l-attur appellat għaddielu l-fond *«fi stat ta' ġebel u saqaf»*, jew inkella meta xehed li huwa kien mar flimkien mal-istess attur appellat biex qaleb ir-reġistrazzjoni tal-arloġġi tad-dawl u l-ilma għal fuq ismu.

21. Dwar ix-xhieda tiegħu li l-attur appellat kien għaddielu l-fond inkwistjoni *«fi stat ta' ġebel u saqaf»*, il-konvenut appellant jirreferi għax-

xhieda ta' ħutu, li t-tnejn li huma kkonfermaw kif huwa tassew għamel għadd ġmielhom ta' xogħlijiet, bħal pereżempju: tibdil tal-madum, kċina, kamra tal-banju u kamra tas-sodda. Jgħid li dawn ix-xogħlijiet kollha juru kif meta' ġie f'idejh, il-fond inkwistjoni ma kienx fi stat li seta' jilqa' fih familja, u li għalhekk kien tabilħaqq fi stat li jixbah aktar lil dak ta' ġebel u saqaf. Jargumenta wkoll li l-Ewwel Qorti mank biss tat kas li lanqas m'hemm xi provi fl-atti li juru jekk il-fond inkwistjoni kienx fi stat abitabbli fi żmien li l-attur waqaf jgħix fih fis-sena 1994.

22. Sa fejn imbagħad għandha x'taqsam mal-kwistjoni dwar jekk l-attur kienx tabilħaqq mar miegħu biex jaqleb is-servizzi tad-dawl u tal-ilma fuq ismu, l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti lanqas ma setgħet tikkonkludi li huwa kien qiegħed jigdeb għas-sempliċi raġuni li martu Sandra tat verżjoni differenti minn tiegħu. Ifakkar li huwa jinsab għaddej f'taqbida legali ma' martu fil-Qorti tal-Familja, u għalhekk jisħaq, li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tistenna lil martu Sandra ssostni l-verżjoni tiegħu.

23. Bil-għan li jkompli jfisser għalfejn il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex tajba, l-appellant jagħti xi eżempji li fi kliemu juru kif f'xi drabi, il-verżjoni tal-attur lanqas ma taqbel ma' dik ta' bintu stess, u fid-dawl ta' dan, jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu qies ta' dawk l-inkonsistenzi.

24. Bħala eżempju, l-appellant jirreferi għall-mod ta' kif Francesco Saverio Attard ipprova jgħatti kemm jista' jkun il-fatt li waqt li kien qiegħed jgħix ġewwa l-Ingilterra huwa kien miżżewweġ u mhux sempliċement poġġut ma' sieħba. Ifisser li r-rilevanza ta' dan tinsab fil-fatt li la huwa kellu l-ħajja tiegħu ġewwa l-Ingilterra, mela allura kien jagħmel sens li jagħtih il-jedd sabiex jgħix fil-fond inkwistjoni għal dejjem. Jgħid li l-attur appellat, fl-ebda waqt ma semma li kellu xi pjan li jerġa' jbiddel id-domiċilju tiegħu għal ġewwa Malta, u jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza l-*forma mentis* ta' Attard, fil-ħin li fih sar il-ftehim inkwistjoni, u dan speċjalment, fil-kuntest tal-ħajja li Francesco Saverio Attard kien qiegħed jgħix f'dak iż-żmien.

25. Diskrepanzi oħra, li skont l-appellant ħarġu mix-xhieda ta' Francesco Saverio Attard huma mbagħad dwar il-ħlas tal-kera. Ifakkar kif filwaqt li min-naħa 'l waħda, l-attur xehed li huwa kien jgħaddi l-flus lil bintu sabiex tħallas il-kera tal-fond inkwistjoni kull xahrejn, madankollu l-istess attur stqarr li l-kirja titħallas kull tliet xhur. Fid-dawl ta' dan, l-appellant jirraġuna li ma jagħmel l-ebda sens li l-appellat kien jgħaddi l-kirja sitt darbiet f'sena meta fil-verità kienet dovuta biss erba' darbiet f'sena. Iżid li anke waqt il-kontroeżami, l-attur appellat wera li l-verżjoni tiegħu kienet 'il bogħod mis-sewwa, u dan billi lanqas biss ma kien kapaċi jgħid kemm kien jibgħat flus lil bintu għall-ħlas tal-kera.

26. Jinsisti li mill-banda 'l oħra huwa rnexxilu jipprova li kien hu li jħallas il-kera tal-fond inkwistjoni. Ifisser li dan il-fatt huwa msaħħaħ bl-irċevuti li għandu fil-pussess tiegħu u jargumenta li huwa ma seta' qatt kellu dawk l-riċevuti f'idejh li kieku ma kienx huwa stess li kien qiegħed iħallas il-kirja lill-Awtorità tal-Artijiet, li tiġi s-sid tad-dar inkwistjoni. L-appellant jirreferi wkoll għax-xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorità tal-Artijiet, li fisser kif indipendentement minn min iħallas il-kirja, l-irċevuti dejjem joħorġu fuq il-kerrej magħruf. Jargumenta għalhekk li l-fatt waħdu li dawk l-irċevuti huma maħruġa f'isem l-attur appellat u mhux fuq ismu, ma jwaqqgħux il-verżjoni tiegħu li huwa kien qiegħed iħallas għall-kirja.

27. L-appellant jagħlaq ir-rikors tal-appell tiegħu billi fl-aħħar nett jirreferi għall-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li jekk kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet dan seta' kien biss għal ftit taż-żmien u mhux għal dejjem bħalma qiegħed jargumenta hu.

28. Huwa jikkritika dan ir-raġunament billi jargumenta li kieku l-affarijiet kienu bħalma dehrilha l-Ewwel Qorti, l-attur appellat ma kienx sejjer joqgħod jistenna sas-sena 2019 sabiex jitolbu jiltlaq 'il barra mill-fond inkwistjoni. Jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza dan kollu u jinsisti li ħlief għall-ittra uffiċjali li huwa rċieva mingħand l-attur fis-sena 2019, ma hemm l-ebda prova oħra fl-atti li turi kif l-attur kien f'xi drabi oħra talbu biex joħroġ 'il barra mill-fond inkwistjoni, jew minn tal-inqas ħeġġeġ lilu jew inkella lil martu sabiex isibu post ieħor fejn joqogħdu. Għall-

appellant dan kollu jikkorrobora l-verżjoni tiegħu li l-kommodat kien tabilħaqq *«għal dejjem.»*

29. Il-Qorti wara li qieset l-ilmenti kollha tal-appellant, fid-dawl ta' dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, jidhrilha li dan l-appell ma jistax ikun ta' fejda għal Noel Theuma.

30. Qabel ma tfisser kif u għalfejn qiegħda tasal għal din il-konklużjoni, huwa xieraq li jitfakkar kif f'kawżi bħal dawn il-Qorti għandha dejjem titlaq mill-punt li hija ma tistax tassumi li min jislef kellu l-ħsieb li jagħti lil ħaddieħor dritt prattikament perpetwu fuq ħwejġu u bla kumpens (ara ***Sonia Drew v Mario Grogan*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2023).

31. Huwa għalhekk prinċipju magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, li l-preżunzjoni *iuris tantum* għandha tkun illi l-ftehim ta' bejn il-partijiet kien x'aktarx wieħed ta' prekarju milli dak ta' kommodat (ara ***Helen Zammit v. Joseph Muscat*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024). Dan jgħodd aktar u aktar, meta l-ftehim inkwistjoni jsir f'kuntest ta' rabtiet familjari, li fihom infushom huma meqjusa li jiġbdu magħhom preżunzjoni qawwija ta' tolleranza (ara ***Pawlu Bezzina et v. Charles Vassallo*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Mejju, 2015).

32. Il-preżunzjoni li għadha kif tissemma ġġib magħha l-konsegwenza,

li kull min jallega li qiegħed iżomm fond b'titlu ta' kommodat, huwa mistenni li jressaq provi konvinċenti u tajbin biżżejjed sabiex jipprova dak it-titlu. Ifisser għalhekk li minkejja l-eżistenza ta' titlu ta' kommodat tista' tiġi ppruvata anke fin-nuqqas ta' ftehim bil-kitba, mill-banda l-oħra, wieħed ma jistax jistrieħ fuq sempliċi allegazzjonijiet jew konġetturi.

33. Minn dan kollu jitnissel ukoll il-prinċipju, li f'każ ta' dubju, il-Qorti għandha xxaqleb lejn il-fehma li l-okkupazzjoni tkun waħda ta' sura prekarja u mhux imnissla minn ftehim ta' kommodat (ara ***Chris Zammit v. Jacqueline Saliba*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru, 2024).

34. Wara kollox, dan huwa wkoll mirja tal-prinċipju bażiku li nsibu fl-**Artikolu 1009 tal-Kodiċi Ċivili**, li jitlob kif f'każ ta' dubju, il-ftehim għandu jitfisser b'tali mod li huwa lanqas gravuż għall-obbligat (ara f'dan is-sens ***Jude Thaddeus sive Teddy Rapa noe v. Francesco sive Frank Rapa noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2006).

35. B'dan kollu f'moħħha, il-Qorti jidhrilha, li f'dan il-każ, l-appellant ma rnexxilux isostni t-tieni eċċezzjoni tiegħu bi provi konvinċenti li b'xi mod jew ieħor setgħu jwasslu lill-Ewwel Qorti għal konklużjoni differenti milli waslet għaliha.

36. Jibda billi jingħad li għalkemm matul ir-rikors tal-appell, l-appellant

qiegħed jinsisti li huwa rnexxilu jipprova dak li qal fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, u sewwasew li l-attur Francesco Saverio Attard sellfu l-fond inkwistjoni «*biex jużah u jgħix fih mal-ulied, gratwitament u għal ħajtu kollha»,* fil-verità lanqas biss huwa stess ma kellu l-ħila li jixhed dwar dak l-istess ftehim.

37. F'din il-kawża, l-appellant xehed darbtejn: darba bil-mezz ta' affidavit (ara Dok NT1, f'paġni 97 u 98 tal-atti tal-kawża), u darb'oħra fil-kontroeżami li sarlu fis-seduta tal-24 ta' Jannar, 2023 (f'paġni 158 sa 166 tal-atti tal-kawża). Kemm fil-każ tal-ewwel, kif ukoll f'dak tat-tieni, l-appellant naqas għalkollox milli mqar isemmi li l-attur kien sellfu l-fond inkwistjoni sabiex jgħix fih tul ħajtu kollha flimkien ma' wliedu.

38. Mod ieħor, fl-affidavit tiegħu l-appellant ta x'jinftiehem li l-ftehim mal-attur Francesco Saverio Attard, kien li huwa u martu kellhom jidħlu fil-post inkwistjoni għar-raġuni li, *«jekk il-post ma kienx ikun abitat, il-Housing Authority kienet toħodulu»* (silta meħuda mit-tieni paragrafu tal-affidavit tal-konvenut appellant f'paġna 97 tal-atti tal-kawża). Hekk ukoll fil-kontroeżami, l-appellant stqarr li: *«Frankie ried jaħrab minn hawn Malta. Tani ċ-ċavetta, kien qalilna ħudu ċ-ċavetta [...] intom flok jeħduha l-Housing»* (silta meħuda mill-kontroeżami tal-konvenut appellant f'paġna 135 tal-atti tal-kawża).

39. Jekk Noel Theuma stess naqas li jixhed dwar il-ftehim li allega li

hemm bejnu u bejn l-appellat, kif allura qiegħed jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tikkonkludi favur l-eżistenza ta' dak il-ftehim?

40. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-appellant kien marbut li jressaq l-aħjar prova sabiex isostni dak li allega fit-tieni eċċezzjoni (ara l-**Artikolu 559 tal-Kodiċi Ċivili**). Fin-nuqqas ta' ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, l-aħjar prova fiċ-ċirkostanzi kellha minn tal-inqas tkun ix-xhieda tal-appellant, u għaldaqstant, fin-nuqqas ta' prova diretta tal-ftehim allegat minnu, l-Ewwel Qorti żgur li ma setgħetx tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu fuq is-saħħa tar-raġunijiet li qiegħed jagħti fir-rikors tal-appell.

41. Għalkemm dan huwa biżżejjed biex is-sentenza appellata tibqa' kif inhi, f'kull każ, din il-Qorti ma tarax kif tista' tlum lill-Ewwel Qorti li dehrilha li l-appellant mhuwiex xi xhud li tant setgħet tistrieħ fuq kellmtu.

42. Dwar dan, l-appellant ma tantx għandu fejn idur sa fejn għandha x'taqsam max-xhieda li għoġbu jagħti fl-affidavit, u sewwasew f'dik il-parti fejn qal li meta ngħata l-pussess tal-fond *«dak iż-żmien l-istat tiegħu kien għadu ta' ġebel u saqaf»* (ara Dok NT f'paġna 97 tal-atti tal-kawża).

43. Fis-sewwa, it-terminu *«ġebel u saqaf»* ifisser li l-proprjetà tkun għadha għarwiena minn kollox, u kulma jkun fiha huwa biss l-istruttura tal-binja. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, f'dan il-każ huwa prattikament impossibbli li fis-sena 1996, il-fond inkwistjoni kien għadu fi stat ta' ġebel

u saqaf, u dan billi fis-snin ta' qabel l-istess fond kien okkupat mill-appellat flimkien ma' familtu. Wara kollox, anke oħt l-appellant stess ikkonfermat dan (ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Joanne Sasha, f'paġna 152 tal-atti tal-kawża), u għalhekk, il-fatt innifsu li l-fond kien diġà użat bħala residenza jeskludi għalkollox, li meta għadda f'idejn l-appellant, dan kien għadu fi stat ta' ġebel u saqaf.

44. Fuq kollox, għalkemm l-appellant kellu ċ-ċans jikkoreġi dak li qal fl-affidavit, ħaġa tal-għaġeb, huwa m'għamilx hekk, u minflok, fil-kontroeżami baqa' jinsisti li *«[d]an jiena kulma ħadtha id-dar ġebel u saqaf»* (ara l-kontroeżami ta' Noel Theuma f'paġna 164 u 165 tal-atti tal-kawża).

45. Sa fejn imbagħad għandha x'taqsam mal-kwistjoni dwar il-qlib tar-reġistrazzjoni tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma għal fuq isem l-appellant, din il-Qorti rat li hawnhekk, l-inkonsistenzi fix-xhieda ta' Noel Theuma, imorru saħansitra lil hemm minn dawk li osservat l-Ewwel Qorti.

46. Pereżempju, minkejja li fil-kontroeżami, il-konvenut appellant baqa' jinsisti li huwa kien mar flimkien mal-attur fl-uffiċini tad-dipartiment konċernat sabiex jaqleb dawk is-servizzi fuq ismu, fl-istess waqt, l-appellant żelqitlu li dan kollu seħħ fi żmien li fih l-appellat ried jitlaq minn Malta (ara l-kontroeżami ta' Noel Theuma f'paġna 159 tal-atti tal-kawża). Mix-xhieda tar-rappreżentant tal-kumpanija Automated Revenue

Management Services Limited (ARMS), jirriżulta però li dan ma setax kien il-każ, għaliex is-servizzi tad-dawl u tal-ilma nqalbu fuq isem l-appellant fis-26 ta' Settembru, 1997 – u dan proprju fi żmien, li skont l-appellant stess, l-attur appellat kien diġà qiegħed jgħix u jaħdem ġewwa l-Ingilterra (ara x-xhieda ta' Reuben Bonnici f'paġna 88 tal-atti tal-kawża, kif ukoll l-istqarrija tal-appellant f'paragrafu 7 tar-rikors tal-appell li fiha ngħad li l-appellat *«mar jgħix l-Ingilterra fis-sena 1995.»*

47. Dan ukoll biex ma jissemmix il-fatt, kif filwaqt li min-naħa 'l waħda l-appellant qal li l-attur kien iffirmalu l-karti biex ikun jista' jdawwar is-servizzi fuq ismu (ara l-affidavit tal-appellant f'paġna 97 tal-atti tal-kawża), min-naħa 'l oħra, ir-rappreżentant tal-ARMS xehed li f'dan il-każ *«formola tat-trasferiment ma kienx hemm»*! (erġa' ara x-xhieda ta' Reuben Bonnici f'paġni 88 u 89 tal-atti tal-kawża).

48. Mhux ta' b'xejn għalhekk li l-Ewwel Qorti użat kliem iebes fil-konfront tal-konvenut u qalet li huwa *«nqabad diversi drabi ma jixhidx il-verità.»*

49. Lanqas ma jista' jkun ta' wens għall-appellant il-fatt li l-attur kien miżżewweġ l-Ingilterra, jew inkella li kien hu u mhux l-attur appellat li allegatament kien u għadu jħallas il-kirja tal-fond inkwistjoni lill-Awtorità tal-Artijiet.

50. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt waħdu li l-attur appellat kien miżżewweġ l-Ingilterra ma jbiddel xejn, u dan għaliex, minbarra li l-appellant ma ressaq l-ebda prova li l-attur kien diġà miżżewweġ meta ħallieh jidħol jgħix fil-fond inkwistjoni, f'kull każ, il-fatt waħdu li Attard iżżewweġ fl-Ingilterra u kien joqgħod ma' martu waqt li kien qiegħed jaħdem hemmhekk, ma jfissirx li dan biddel id-domiċilju tiegħu minn Malta għall-Ingilterra u li f'moħħu ma kellux il-ħsieb li jerġa' jiġi jgħix f'Malta. Li kieku l-affarijiet kienu hekk, l-attur x'aktarx ma kienx sejjer iħoss il-ħtieġa li jżomm fuq ismu l-kirja tal-fond inkwistjoni.

51. Fuq kollox, anke l-appellant stess ta' x'jinftiehem li Francesco Saverio Attard kien baqagħlu rabtiet b'saħħithom ma' Malta. Kemm hu hekk, huwa stqarr li:

> *«sakemm jien u Sandra konna għadna flimkien, l-attur kien jiġi regolarment għandi. Għamel żmien fejn anke kien spiċċa joqgħod għandna peress li kien għamel operazzjoni f'saqajh»* (silta meħuda mill-affidavit tal-appellant f'paġna 97 tal-atti tal-kawża).

52. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu mal-insistenzi tal-appellant, li kien hu u mhux Francesco Saverio Attard li kien u għadu jħallas il-kirja tal-fond inkwistjoni lill-Awtorità tal-Artijiet, il-Qorti jidhrilha li b'dan l-argument, il-konvenut appellant ma huwa jgħin xejn fil-pożizzjoni tiegħu dwar it-titlu ta' kommodat, anzi qiegħed ironikament ikompli jġib aktar il-ġebla fuq saqajh.

53. Kif tixhed anke d-definizzjoni ta' kommodat fl-**Artikolu 1824 tal-**

**Kodiċi Ċivili**, wieħed mill-karattri essenzjali għall-eżistenza ta' kommodat hija l-gratuwità tal-użu, u minħabba f'hekk ingħad kemm-il darba li l-ħlas għall-użu ta' fond, sakemm mhuwiex xi kumpens nominali, jeskludi għalkollox il-kommodat (ara ***Maria Assunta Cassar et v. Albert Connell et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri fis-7 ta' Lulju, 2003 u ***Chris Zammit v. Jacqueline Saliba*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru, 2024).

54. Fil-fehma tal-Qorti, il-ħlas ta' kirja kull tliet xhur ma jistax jitqies li jaqa' fil-kategorija ta' *«kumpens nominali»* u għalhekk l-istqarrija tal-konvenut appellant li huwa kien u għadu jħallas il-krija tal-fond inkwistjoni minn butu, hija raġuni oħra għalfejn iċ-ċaħda tat-tieni eċċezzjoni tiegħu hija mistħoqqa.

55. Ċirkostanzi oħrajn li fil-fehma tal-Qorti jkomplu jsaħħu l-konklużjonijiet li wasslet għalihom l-Ewwel Qorti, u mhux imeruhom, huma mbagħad kemm il-fatt li l-appellant dam sas-sena 2014 sabiex biddel l-indirizz tal-kartà tal-identità fuq il-fond inkwistjoni, kif ukoll l-istqarrija tal-appellant stess li Francesco Saverio Attard ma ried qatt jagħmel xi ftehim miegħu bil-miktub.

56. Għalkemm veru li l-kitba mhijiex xi rekwiżit għas-siwi ta' ftehim ta' kommodat, il-Qorti tqis li kieku Francesco Saverio Attard tassew kellu r-rieda li jagħti l-fond inkwistjoni b'self lill-appellant sabiex dan jgħix fih

flimkien ma' martu għal ħajtu kollha, wisq probabbli, Attard ma kienx sejjer isib xi oġġezzjoni li jnaqqax dak il-ftehim bil-kitba (ara f'dan is-sens il-kontroeżami ta' Noel Theuma f'paġna 158 tal-atti tal-kawża).

57. Hekk ukoll, li kieku l-ftehim oriġinali ta' bejn il-partijiet kien li Noel Theuma seta' jibqa' jgħix fil-fond inkwistjoni għal tul ħajtu kollha u mhux għal ftit taż-żmien sakemm isib post ieħor fejn joqgħod, dan x'aktarx ma kienx sejjer iħalli sa Settembru tas-sena 2014, biex għall-ewwel darba jirreġistra b'mod formali r-residenza tiegħu fuq l-indirizz tal-fond inkwistjoni (ara x-xhieda ta' Joseph Rivans li tressaq bħala xhud f'isem l-Aġenzija Identità Malta, f'paġni 105 u 106 tal-atti tal-kawża, kif ukoll Dokument JR2 f'paġna 104 tal-atti tal-kawża).

58. Raġuni oħra li tkompli ssaħħaħ il-konvinzjoni ta' din il-Qorti kemm mhuwiex verosimili li l-appellat Francesco Saverio Attard seta' għadda l-pussess tal-fond inkwistjoni f'idejn il-konvenut appellant b'titlu ta' kommodat u dan bil-għan li jgħix fih għal tul ħajtu kollha, hija mbagħad marbuta max-xorta tat-titlu li Francesco Saverio Attard igawdi fuq l-istess fond.

59. F'dan il-każ, l-attur appellat Francesco Saverio Attard mhuwiex il-proprjetarju tal-fond inkwistjoni, u t-titlu li jgawdi fuqu huwa ta' sempliċi kirja mill-Awtorità tal-Artijiet (ara x-xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorità tal-Artijiet f'paġna 48 tal-atti tal-kawża).

60. Huwa veru li l-liġi tagħna ma titlobx li l-kommodant għandu bilfors ikun is-sid assolut tal-ħaġa li jagħti b'self għall-użu. Tant hu hekk li meta ġie biex ifassal l-artikoli rilevanti fil-**Kodiċi Ċivili** dwar il-kommodat, l-awtur **Sir Adriano Dingli**, ħass li għandu jikkummenta li: ***«[o]mmetto l'art. che il comodante ritiene la proprietà perché ... il comodante può non essere il proprietario»*** (silta meħuda mill-***Annotazioni All'Ordinanza VII del 1868***, f'paġna 114). Hekk ukoll f'paġna 440 tan-notamenti, ***Notes on Civil Law,*** il-**Professur Victor Caruana Galizia** jikteb li:

> *«It is not necessary that the object be the property of the lender, because the function of «Commodatum» is not that of transferring the ownership of the thing.»*

61. Minkejja dan kollu però, fl-istess waqt hawnhekk jibqa' jgħodd ukoll il-prinċipju ta' *«nemo dat quod non habet»,* li fi kliem aktar sempliċi jfisser li wieħed ma jistax jagħti minn dak li m'għandux.

62. Ifisser b'hekk, li filwaqt kerrej jista', fil-prinċipju, isellef lil terzi l-fond mikri lilu, b'titlu ta' kommodat, madankollu dan jista' jagħmel hekk biss sakemm hu ma jkunx miżmum bil-kuntratt li bih huwa jkun kiseb it-tgawdija tal-fond b'kirja.

63. Dwar dan il-punt tal-aħħar, huwa mbagħad mifhum li anke jekk il-kerrej ikun miżmum milli jissulloka l-fond mikri lilu, dik il-projbizzjoni għandha daqstant ieħor tgħodd għal kull għotja tat-tgawdija tal-fond lil

terzi b'titlu ta' kommodat.

64. Ir-raġuni wara dan tfissret tajjeb mill-Qorti ta' Kassazzjoni fl-Italja, fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Soc. Cirio v. Pedicini*** mogħtija fit-28 ta' Ġunju, 1926 (n.2112), li fiha ngħad li:

> *«Nel divieto di subaffitto deve intendersi ricompreso anche il divieto di concedere ad altri in godimento gratuito la cosa locata, risolvendosi tanto il subaffitto, quanto il comodato nella sostituzione di una persona diversa a quella del conduttore.»*

65. Tassew, l-għan ewlieni wara d-divjet kuntrattwali tas-sullokazzjoni, huwa li sid ma jsibx ġewwa ħwejġu lil xi ħadd li huwa ma jkunx jaf u li ma jkun għamel l-ebda ftehim miegħu. Għalhekk jekk f'kuntratt ta' kirja, is-sid espressament jiddikjara li l-kerrej la jista' jissulloka u lanqas iċedi l-kirja tiegħu, allura dan ikun ifisser li mingħajr il-kunsens ta' sid il-kera, il-kerrej la jkun jista' jagħti l-kirja lil terz bi ħlas u lanqas b'xejn.

66. Lura għall-każ tagħna, il-Qorti tosserva li fi żmien li fih l-appellant daħal jgħix fil-fond inkwistjoni, l-**Artikolu 1614 tal-Kodiċi Ċivili** ma kienx jaqra l-istess bħalma jaqra llum. F'dak iż-żmien dan l-artikolu kien jipprovdi kif ġej:

> *«**1614**. (1) Il-kerrej għandu jedd li jissulloka l-ħaġa, jew li jċedi l-kiri tagħha, meta din is-setgħa ma tkunx ġiet lilu mneħħija fil-kuntratt.*
>
> *(2) Din is-setgħa tista' tiġi mneħħija lilu għalkollox jew in parti.»*

67. Fil-kuntratt ta' kirja li bih l-attur appellat kiseb it-tgawdija tal-fond inkwistjoni mingħand il-Gvern ta' Malta, hemm imbagħad klawsola li taqra

hekk:

> ***«Il-kerrej ma jistax iċedi din il-krija jew jissulloka l-fond, sew kollu kemm hu jew biċċa minnu jew jidħol fi sħubija dwar il-fond mingħajr il-kunsens tal-Gvern»*** (silta meħuda mill-kuntratt tal-kirja tat-8 ta' Jannar, 1976, Dok KB1, f'paġna 41 tal-atti tal-kawża).

68. Għar-raġunijiet li għadhom kif jingħataw, il-Qorti tqis li b'din il-klawsola, Francesco Saverio Attard ma seta' qatt teknikament għadda t-tgawdija tal-fond inkwistjoni lill-konvenut appellant b'titlu ta' kommodat mingħajr il-barka tal-Gvern, u fiha nfisha, din hija raġuni oħra b'żieda mar-raġunijiet kollha li ngħataw, għalfejn l-appellant ma jistax jippretendi li huwa qiegħed jgħammar ġewwa l-fond inkwistjoni b'titlu ta' kommodat.

69. Tħares minn fejn tħares, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut appellant ma setgħetx għalhekk tintlaqa', u ġaladarba huwa naqas milli jressaq xi eċċezzjoni oħra li biha qajjem xi forma ta' titlu ieħor li jagħtih il-jedd li jibqa' jgħammar fil-fond inkwistjoni, din il-Qorti sejra tkun qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma għalkollox is-sentenza appellata.

70. Minkejja dan, din il-Qorti xorta waħda ma tħossx li fiċ-ċirkostanzi għandha tikkundanna lill-appellant sabiex iħallas l-ispejjeż ta' dan l-appell għal darbtejn, bħalma qiegħed jitlob l-attur appellat. Fl-aħħar mill-aħħar, kien jaqa' fuq spallejn l-attur appellat li jikkonvinċi lill-Qorti sabiex timponi s-sanzjoni mitluba minnu. Dan m'għamlux u għalhekk it-talba tiegħu sejra tiġi wkoll miċħuda.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-konvenut Noel Theuma, u għalhekk qiegħda tikkonferma s-sentenza appellata għalkollox, b'dan illi t-terminu ta' xahrejn għandu jibda jgħaddi mil-lum.

L-ispejjeż kollha b'rabta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu kollha mill-konvenut appellant Noel Theuma.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss